



Stampa u Informazzjoni

Il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tfejji ruħha għall-wasla tal-membri l-ġodda

L-istruttura l-ġdida, komposta minn disa' awli b'ħames imħallfin, ser tiġi introdotta f'Settembru

Il-leġiżlazzjoni, li fi tliet stadji suċċessivi tirrifirma l-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea¹ tippredvi, fl-ewwel fażi, li jinħatru tnax-il Imħallf ġdid fil-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u, fit-tieni fażi, li seba' Mħallfin oħra jingħaqdu mal-Qorti Ġenerali permezz tal-integrazzjoni tal-pożizzjonijiet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku attwali, sabiex fl-1 ta' Settembru 2016 n-numru ta' Mħallfin fi ħdan il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea jitla' għal 47. It-tielet fażi ser tikkonsisti fil-ħatra ta' disa' Mħallfin oħra fl-2019.

Sabiex tfejji għall-wasla ta' 19-il Imħallf ġdid, il-Qorti Ġenerali adottat sensiela ta' miżuri intiżi li jggarantixxu li l-partijiet fil-kawża jingħataw s'ħarriġ ġudizzjarju fl-ewwel istanza li jkun imħaffef, fil-fond u koerenti. Minn perspettiva strutturali, il-mudell magħżul ser ikun dak ta' Qorti Ġenerali organizzata f'disa' Awli komposti minn ħames Imħallfin, li kull waħda minnhom tista' tippresjedi f'żewġ kulleġġi ġudikanti komposti minn tliet Imħallfin, ippresjeduti mill-President tal-Awla b'ħames Imħallfin.

L-istruttura l-gdida ser tidhol fis-seħħ f'Settembru. Sa dak iż-żmien, it-tnax-il Imħallfin il-godda ser ikunu, b'mod tranżitorju, integrati fl-istruttura attwali.

L-istruttura l-ġdida tal-Qorti Ġenerali:

- peress li hija suffiċjentement kompatta, ser tippriżerva l-koerenza tas-sistema billi żżomm il-kulleġġi ġudikanti bi tliet Imħallfin b'ħala kulleġġi ġudikanti ordinarju;
- ser tiffaċilita l-proċess li kawża tintbgħat lura quddiem il-kulleġġi ġudikanti b'ħames Imħallfin;
- ser tiffaċilita s-sostituzzjoni fi ħdan l-istess Awla ta' Mħallf prekluż milli jippresjedi;
- ser tagħti rwol imsaħħaħ lill-Presidenti tal-Awla fir-rigward tal-koordinazzjoni u tal-koerenza tal-ġurisprudenza.

Fl-aħħar nett, skont il-proposta ta' Regolament tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill dwar it-trasferiment lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tal-kompetenza sabiex tiddeċiedi, fl-ewwel istanza, f'każ ta' tilwim bejn l-Unjoni u l-aġenti tagħha mill-1 ta' Settembru 2016 (li attwalment qed tiġi eżaminata mil-leġiżlatur), il-kawżi kollha tas-Servizz Pubbliku, ittrasferiti mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku lill-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, ser jiġu ttrattati fl-istat li fih ikunu jinsabu f'din id-data u jistgħu jiġu appellati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Proposti għal emendi tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, intiżi li jagħtu lil din il-qorti qafas proċedurali xieraq għat-trattament fl-ewwel istanza tal-kawżi bejn l-Unjoni Ewropea u l-uffiċjali u l-membri tal-persunal tagħha, ser jiġu ppreżentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea fil-futur qarib.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

¹Regolament (UE, Euratom) 2015/2422 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-16 ta' Diċembru 2015, li jemenda l-Protokoll Nru 3 dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 341, p. 14).

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355